ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali 2017**

**ID-DISA' SENA** **L-ISTUDJI SOĊJALI (*Ġenerali*)** **IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem: ____________________________** **Il-Klassi: ______________**

**Din il-karta tal-eżami fiha SITT taqsimiet (A, B, C, D, E u F). L-istudenti jridu jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A: Imla l-vojt b'dan il-kliem.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| folklor | l-identità nazzjonali | il-kontroll soċjali | l-imġiba | solidarjetà |
| r-riżors uman | għaqdiet | komunità lokali | normi | relazzjonijiet |

1. ____________________________ f'pajjiż jinżamm permezz tal-liġijiet, il-pulizija u l-qorti.
2. Il-belt jew raħal tiegħi jagħmlu parti mill-____________________________.
3. ____________________________ huma regoli ta' mġiba li persuna hija mistennija ssegwi fis-soċjetà.
4. Sanzjonijiet huma modi kif is-soċjetà tikkontrolla ____________________________tal-membri tagħha.
5. Il-Maltin jgħinu lil min hu fil-bżonn għax għandhom sens ta'____________________________.
6. Bħal kull ħlejqa soċjali nħossu l-bżonn li nikkomunikaw mal-oħrajn u nibnu ____________________________.
7. Numru ta' ____________________________ fis-soċjetà għandhom membri tal-istess opinjoni.
8. Wieħed mir-riżorsi li għandna f'Malta huwa ____________________________.
9. ____________________________ turi min aħna bħala poplu.
10. ____________________________ jirreferi għad-drawwiet u t-twemmin f'kultura partikolari ta' poplu.

**(10 marki)**

**Taqsima B: Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin billi timmarka l-frażi t-tajba.**

1. **Interdipendenti tfisser**
a) li ħadd m'għandu bżonn lil ħadd
b) li kulħadd bżonn xulxin
c) li aħna indipendenti

2. **Ċittadini Ewropej għandhom id-dritt**
a) li jkunu qiegħda
b) jimponu l-opinjoni tagħhom fuq l-oħrajn
c) biex jgħixu u jaħdmu fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea

3. **Ċittadin huwa**
a) xi ħadd li jiġi għall-btala
b) immigrant irregolari
c) membru ta' pajjiż bi drittijiet u dmirijiet

4. **Il-komunità lokali hija magħmula minn**
a) tfal, żgħażagħ, anzjani u persuni b'diversi bżonnijiet
b) knejjes, ħwienet u ċ-ċinema
c) skejjel u studenti

5. **Liema minn dawn hija sanzjoni pożittiva?**
a) premju
b) detenzjoni
c) multa

6. **EkoSkola hija**
a) servizz soċjali
b) norma soċjali
c) programm edukattiv fejn l-istudenti jieħdu rwol attiv fl-ambjent

7. **Diskriminazzjoni hi**
a) membru ta' grupp volontarju
b) meta persuna tara t-televixin
c) meta persuna tiġi ttrattata differenti minn oħrajn

8. **L-edukazzjoni tul il-ħajja hi**
a) l-edukazzjoni li nirċievu fl-iskola
b) li nibqgħu nitgħallmu anke wara li noħorġu mill-iskola
c) s-soċjetà ċivili

9. **Is-soċjetà hija**
a) grupp ta' familji li jgħixu fl-istess lokal
b) grupp ta' ħbieb
c) organizzazzjoni ta' gruppi u individwi mibnija fuq normi u liġijiet

10. **Rwol huwa**
a) riskju għal saħħitna
b) s-sehem li wieħed irid jagħti fis-soċjetà
c) drawwa Maltija

**(10 marki)**

**Taqsima C: Immarka jekk hux VERU jew FALZ u għid għaliex.**

1. Tolleranza tfisser li naċċettaw id-differenzi ta' ħaddieħor. **Veru/Falz**

   **Għaliex?** ______________________________

2. L-ugwaljanza fis-soċjetà tfisser li kull ċittadin għandu drittijiet u dmirijiet differenti. **Veru/Falz**

   **Għaliex?** ______________________________

3. Il-libertà tal-kelma tfisser meta persuna ma tkunx tista' tesprimi l-opinjoni tagħha. **Veru/Falz**

   **Għaliex?** ______________________________

4. Il-kontroll soċjali formali hu meta l-persuni jaslu għall-ftehim. **Veru/Falz**

   **Għaliex?** ______________________________

5. Kull persuna hija ħlejqa soċjali. **Veru/Falz**

   **Għaliex?** ______________________________

**(10 marki)**

**Taqsima D: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet KOLLHA.**

1. Spjega xi jfissru **valuri ċiviċi** u agħti **TLIET** eżempji.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (5)

2. Spjega kif iseħħ il-**proċess ta' soċjalizzazzjoni**.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (5)

3. Għaliex persuna hija responsabbli lejn ħaddieħor u lejn id-dinja? Agħti **TLIET** eżempji biex issostni t-tweġiba tiegħek.

__________________________________________________________________________ (5)

4. X'tifhem b'**istituzzjonijiet**? Agħti **TLIET** eżempji ta' istituzzjonijiet li nsibu fi ħdan il-komunità.

__________________________________________________________________________ (5)

5. Spjega kif kull dritt iġib miegħu dmir billi tagħti **ĦAMES** eżempji.

__________________________________________________________________________ (5)

**(25 marka)**

**Taqsima E: Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha.**

Minħabba li llum saret aktar faċli biex in-nies imorru minn post għall-ieħor, qed ikun hemm taħlit ta' kulturi differenti, anke fiż-żwieġ. Dan it-taħlit bejn kulturi differenti ġab diversità fil-familja. F'pajjiżi bħal Malta nfiltraw ideat ġodda: bħal strutturi differenti u żwieġ bejn koppji ta' reliġjonijiet differenti. Ta' min jinnota li l-iskejjel għandhom rwol importanti ħafna x'jaqdu biex jissoċjalizzaw lill-ġenerazzjonijiet iż-żgħar biex minn ċkunithom jitgħallmu jaċċettaw u jirrispettaw kulturi differenti. Filwaqt li qabel nies ta' kulturi differenti kienu mistennija jassimilaw il-kultura ta' pajjiż li qegħdin fih, illum qed ninkoraġġixxu lill-membri kollha tas-soċjetà biex jiċċelebraw din id-diversità u naċċettaw lil kulħadd kif inhu. Dan qed jgħin biex ikollna soċjetà aktar inklussiva.

Silta addattata minn *Studji Soċjali – Nifhmu l-Ġenn tas-Soċjetà,* B. Chircop (2014: 57)

**Mistoqsijiet**

1. Agħti titlu lil din is-silta.

_______________________________________________ (1)

2. X'tifhem b'**kultura**?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

3. Semmi **ĦAMES** elementi li jikkontribwixxu għall-identità Maltija.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (5)

4. Spjega xi tfisser **diversità** u agħti **ŻEWĠ** eżempji.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3)

5. X'nifhmu b'**soċjetà aktar inklussiva**? Agħti eżempju.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3)

6. Semmi **ERBA'** tradizzjonijiet Maltin.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (4)

7. X'nifhmu b'**wirt kulturali**? Agħti **TLIET** eżempji kif nistgħu nipproteġu dan il-wirt kulturali.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (5)

8. Semmi **ŻEWĠ** valuri li qed jinbidlu b'riżultat tal-multikulturaliżmu fis-soċjetà tagħna.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

**(25 marka)**

**Taqsima F: Agħżel WAĦDA minn dawn it-temi li ġejjin u ikteb madwar 200 kelma dwarha fuq karta separata.**

1. Spjega kif l-istudenti qed jiġu ppreparati aħjar biex isiru ċittadini globali permezz ta' proġett edukattiv bħal EkoSkola, Dinja Waħda, e-twinning, Prince's Trust u oħrajn.
2. *Il-kontroll soċjali ma jistax jinżamm mingħajr l-użu ta' sanzjonijiet*. Ikkummenta.
3. X'tifhem bil-frażi *tagħlim tul il-ħajja*? Iddiskuti fit-tul.

**(20 marka)**

**Total: 100 marka**